

Brussell, 26 ta' Ġunju 2020  
(OR. en)

9110/20

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0133(NLE)**

---

---

EPPO 15  
COPEN 170  
FIN 399  
GAF 18  
CSC 175

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Ġunju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 279 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 279 final.

Mehmuż: COM(2020) 279 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 26.6.2020  
COM(2020) 279 final

2020/0133 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet għall-proposta u l-oġettivi tagħha

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”) ġie adottat mill-Kunsill fit-12 ta' Ottubru 2017 u daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2017.

F'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-istabbiliment u l-operat amministrattiv inizjali tal-UPPE, sal-mument li fih dan tal-aħħar ikollu l-kapaċità li jimplementa l-baġit tiegħu stess.

Prerekwiżit għall-istabbiliment tal-UPPE huma l-għażla u l-ħatra tal-membri u l-persunal tiegħu, b'mod partikolari tal-Prosekuturi Ewropej, li, flimkien mal-Kap Prosekutur Ewropew, jiffurmaw il-Kulleġġ tal-UPPE. Il-Kulleġġ tal-UPPE jeħtieġ li jieħu għadd ta' deċiżjonijiet ewlenin ta' natura ġenerali li mingħajrhom l-UPPE ma jkunx jista' jibda l-attivitajiet tiegħu. Dawn jinkludu, pereżempju l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura interni tal-UPPE kif ukoll tal-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej, u l-ħatra tal-Prosekuturi Delegati Ewropej u tad-Direttur Amministrattiv.

L-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1939 jobbliga lil kull Stat Membru parteċipanti jinnomina tliet kandidati li jkunu (a) membri attivi tas-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jew tal-ġudikatura tal-Istat Membru rilevanti, (b) li ma jkunx hemm dubju dwar l-indipendenza tagħhom; kif ukoll (c) li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa biex jinħatru f'kariga għolja ta' prosekuzzjoni jew ġudizzjarja fl-Istati Membri rispettivi tagħhom, u li jkollhom esperjenza Prattika rilevanti tas-sistemi legali nazzjonali, ta' investigazzjonijiet finanzjarji u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali.

Barra minn hekk, l-Artikolu 16(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1939 jiddikjara li wara li jkun irċieva l-opinjoni motivata tal-bord tal-għażla msemmi fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, il-Kunsill għandu jagħżel u jaħtar wieħed mill-kandidati biex ikun il-Prosekutur Ewropew tal-Istat Membru inkwistjoni. Jekk il-bord tal-għażla jikkostata li xi kandidat ma jkunx jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-qadi tad-dmirijiet ta' Prosekutur Ewropew, l-opinjoni tiegħu għandha torbot lill-Kunsill.

Fil-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1939.

Ir-Regola VII Nru 2 ta' dawk ir-regoli ta' ħidma tistipula li l-bord tal-għażla għandu jisma' lill-kandidati nominati mill-Istati Membri għall-kariga ta' Prosekutur Ewropew u għandu jifformula opinjoni dwar il-kwalifiki tal-kandidati biex ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet tal-Prosekuturi Ewropej. Il-bord għandu jiddikjara espressament jekk kandidat innominat minn Stat Membru jissodisfax jew le l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1939 u, fin-nuqqas ta' dan, permezz tas-segretarjat tiegħu, għandu jitlob lill-Istat Membru kkonċernat jinnomina numru korrispondenti ta' kandidati ġodda. Il-bord tal-għażla għandu jikklassifika lill-kandidati skont il-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom. Il-klassifikazzjoni għandha tindika l-ordni ta' preferenza tal-bord tal-għażla u ma għandhiex tkun vinkolanti fuq il-Kunsill.

Bħala konsegwenza ta' din ir-regola, fejn Stat Membru ma jipprovdi tliet kandidati eliġibbli fi żmien raġonevoli, il-bord tal-għażla ma jkunx jista' jipprovdi lill-Kunsill bl-opinjoni

motivata dwar il-kandidati u l-proċedura tal-għażla ma tkunx tista' titlesta. Dan jista' ma jħallix lill-Kunsill jaħtar fil-waqt lill-Prosekutur Ewropew għal dak l-Istat Membru u konsegwentement jittardja l-istabbiliment u t-tħaddim tal-UPPE.

L-esperjenza mill-proċess tal-għażla għall-ewwel Prosekuturi Ewropej żvelat li Stat Membru jista' jiffaċċja diffikultajiet sinifikanti biex jidentifika u jinnomina kandidati eliġibbli, u f'xi każijiet eċċezzjonali, jista' jkun oġġettivament impossibbli li jiġi nnominat in-numru meħtieġ ta' kandidati eliġibbli fi żmien raġonevoli.

L-iskop ta' din il-proposta huwa li tippermetti lill-bord tal-għażla jippreżenta l-opinjoni tiegħu lill-Kunsill dwar żewġ kandidati eliġibbli biss f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, jiġifieri fejn ikun stabbilit b'mod suffiċjenti li jkun oġġettivament impossibbli għal Stat Membru li jsib it-tielet kandidat eliġibbli fi żmien raġonevoli, minkejja li jkun għamel l-isforzi kollha meħtieġa biex jagħmel dan, minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li dak l-Istat Membru jkun iltaqa' magħhom. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-bord tal-għażla jista' jibgħat lill-Kunsill l-opinjoni motivata tiegħu dwar żewġ kandidati eliġibbli biss, u l-Kunsill ikun liberu li jipproċedi abbażi ta' din l-opinjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-istabbiliment tal-UPPE huwa previst fl-Artikolu 86 TFUE. L-UPPE se jkun l-ewwel korp tal-UE b'setgħat ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni kriminali ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u se jkun attur kompletament ġdid fix-xenarju ġudizzjarju Ewropew. L-UPPE huwa mistenni li jkollu politika ta' prosekuzzjoni aktar konsistenti u aktar effettiva għar-reati li jaffettwaw il-baġit tal-UE, li jwassal għal għadd akbar ta' prosekuzzjonijiet, kundanni u livell ogħla ta' deterrent u ta' rkupru ta' fondi tal-Unjoni li jkunu ntilfu b'mod frawdolenti.

Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta għal emenda tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696, il-Kummissjoni qiegħda tikkonforma mal-obbligu tagħha skont l-Artikoli 20, 14(3) u 16(2) tar-Regolament tal-Kunsill 2017/1939. Din il-proposta se tippermetti li jitwettqu u jitlestew il-proċeduri meħtieġa tal-għażla u ta' ħatra tal-Prosekuturi Ewropej tal-UPPE u l-attivitajiet jkunu jistgħu jibdedu f'waqthom. Din il-proposta hija għalhekk konsistenti għal kollox mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam rispettiv ta' politika.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva hija konsistenti ma' politiki u ma' żviluppi leġiżlattivi oħra tal-Unjoni bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 291 TFUE flimkien mal-Artikolu 14(3) u 16(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-adozzjoni u l-emendar tar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla stipulati fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 jistgħu jsiru biss mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, skont setgħa implimentattiva, u għalhekk hija kompetenza esklużiva min-natura tagħha, mhux soġġetta għall-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-oġġettivi proposti, u hija għalhekk konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Din il-proposta hija direttament marbuta mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 u hija essenzjali biex ikun żgurat li l-UPPE jiġi stabbilit, u li jibda bl-attivitajiet tiegħu, f'qasir żmien.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 14(3) flimkien mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 jipprevedi dan l-istrument legali.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

Minħabba l-mira speċifika u n-natura limitata ta' din il-proposta, u l-fatt li din tikkonforma mal-obbligu impost fuq il-Kummissjoni fl-Artikolu 14(3) meħud flimkien mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament tal-Kunsill 2017/1939, ma sarux evalwazzjonijiet ex post, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati jew valutazzjoni tal-impatt.

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit.

### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Minħabba n-natura ta' din il-miżura, ma hemmx bżonn ta' implimentazzjoni.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma għandhiex bżonn ta' Dokumenti ta' Spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emenda tkun tippermetti lill-bord tal-għażla li jippreżenta l-opinjoni tiegħu lill-Kunsill dwar żewġ kandidati eliġibbli biss f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, jiġifieri fejn ikun stabbilit b'mod suffiċjenti li jkun oġġettivament impossibbli għal Stat Membru li jsib it-tielet kandidat eliġibbli fi żmien raġonevoli, minkejja li jkun għamel l-isforzi kollha meħtieġa biex jagħmel dan, minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li dak l-Istat Membru jkun iltaqa' magħhom. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-kumitat ta' selezzjoni jista' jibgħat lill-Kunsill l-opinjoni motivata tiegħu dwar żewġ kandidati eliġibbli biss, u l-Kunsill ikun liberu li jipproċedi abbażi ta' din l-opinjoni.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ġie stabbilit biex jinvestiga, jagħmel prosekuzzjoni u jressaq quddiem il-ġustizzja l-awturi u l-kompliċi ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2017/1939 jistipula li l-Kunsill għandu jaħtar kull Prosekutur Ewropew minn fost tliet kandidati kwalifikati nnominati minn kull Stat Membru wara li jkun irċieva opinjoni motivata mill-bord tal-għażla kif isir provvediment għal dan fl-Artikolu 14(3) ta' dak ir-Regolament.
- (3) L-għażla u l-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej, li flimkien mal-Kap Prosekutur Ewropew jiffirmaw il-Kulleġġ tal-UPPE, huma prerekwiżit għall-istabbiliment tal-UPPE.
- (4) Fil-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1939<sup>2</sup>.
- (5) Ir-Regola VII Nru 2 ta' dawk ir-regoli ta' ħidma tistipula li l-bord tal-għażla, abbażi tal-konklużjonijiet tiegħu matul l-analiżi u s-smiġh, għandu jifformula opinjoni dwar il-kwalifiki tal-kandidati biex jaqdu d-dmirijiet ta' Prosekuturi Ewropej u għandu jiddikjara espressament jekk kandidat jissodisfax jew le l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Il-bord tal-għażla għandu jipprovdri raġunijiet għall-opinjoni tiegħu. Fl-eventwalità li l-kandidati nominati ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-istess regola tistipula li l-bord tal-għażla għandu, permezz tas-segretarjat tiegħu, jitlob li l-Istat Membru kkonċernat jinnomina għadd korrispondenti ta' kandidati ġodda.
- (6) Bħala eċċezzjoni għal dik ir-regola, jenħtieġ li l-bord tal-għażla jkollu l-possibbiltà li jippreżenta l-opinjoni motivata tiegħu lill-Kunsill dwar żewġ kandidati eliġibbli biss, meta jkun ġustifikati b'mod suffiċjenti li jkun oġġettivament impossibbli għal Stat Membru li jsib it-tielet kandidat eliġibbli fi żmien raġonevoli, minkejja li jkun għamel

<sup>1</sup> ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 282, 12.11.2018, p. 8–12

l-isforzi kollha meħtieġa biex jagħmel dan, u dan minħabba xi ċirkostanzi eċċezzjonali f'dak l-Istat Membru. F'sitwazzjoni bħal din, jenħtieġ li l-bord tal-għażla jkun jista' jissottometti lill-Kunsill l-opinjoni tiegħu dwar żewġ nominati eliġibbli, u l-Kunsill jista' jipproċedi għall-ħatra fuq il-bażi ta' lista b'żewġ kandidati eliġibbli biss.

- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tiġi emendata skont dan.
- (8) Sabiex ikun żgurat il-bidu f'waqtu tal-attivitajiet tal-UPPE, jenħtieġ li dan ir-Regolament ta' implimentazzjoni jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Fir-Regola VII Nru 2 tal-anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1939 jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara t-tieni paragrafu.

“B'eċċezzjoni, fejn ikun stabbilit b'mod suffiċjenti li jkun oġġettivament impossibbli għal Stat Membru li jsib it-tielet kandidat eliġibbli fi żmien raġonevoli, minkejja li jkun għamel l-isforzi kollha meħtieġa biex jagħmel hekk, u minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali f'dak l-Istat Membru, il-bord tal-għażla jista', wara li jikkonsulta lill-Istat Membru kkonċernat u billi jagħti raġunijiet suffiċjenti, jipprovdi l-opinjoni motivata tiegħu lill-Kunsill dwar żewġ kandidati eliġibbli biss.”

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*